MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 347/2022 LM

**Peter Mifsud (K.I. nru. 269973M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Keith Balzan**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-attur **Peter Mifsud (K.I. nru. 269973M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Ottubru, 2024, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċieda t-talbiet tal-attur kontra l-konvenut **Keith Balzan** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] kontra tiegħu kif ġej:

*"Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-attur. L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-attur."*

## Fatti

2. Il-kwestjoni odjerna tittratta pretensjoni tal-attur għall-ħlas ta' danni sofferti minnu wara li l-konvenut ħadem u forna bieb ta' garaxx difettuż.

## Mertu

3. L-attur fetaħ proċeduri quddiem it-Tribunal, fejn spjega li hu qiegħed jippretendi l-ħlas ta' danni dovuti lilu wara li l-konvenut ħadem bieb ta' garaxx li rriżulta li hu difettuż għall-fond fi Sqaq Santa Klara, il-Magħtab.

4. Il-konvenut baqa' kontumaċi stante li ma ppreżenta l-ebda risposta għall-pretensjoni tal-attur. Minkejja dan, it-Tribunal ikkonċeda l-opportunità lill-konvenut li jressaq in-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Il-pożizzjoni li ħa l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnu hi li anki jekk hu baqa' kontumaċi, l-istat ta' kontumaċja minnu nnifsu għandu jitqies bħala kontestazzjoni tal-kawża. Qal li l-provi ppreżentati mill-attur huma xotti għal kollox u li l-istampa mogħtija mill-attur hi inkonsistenti u ma tagħtix is-serħan il-moħħ meħtieġ li t-talbiet tiegħu għandhom jintlaqgħu.

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal, fid-deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru, 2024, iddeċieda li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**<u>Ikkunsidra</u>***

*Bħala l-ewwel punt, dan it-Tribunal jirrileva illi l-konvenut kien innotifikat iżda l-konvenut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba f'dan il-każ, u anqas deher għas-seduta wara li ġie nnotifikat b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja.*

*<u>Il-Kontumaċja tal-Konvenut</u>*

*Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenut ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas deher għas-seduta wara li ġie nnotifikat b'dan illi waqa' fi stat ta' kontumaċja.*

*It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti l-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut baqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-attur li jressaq provi sal-grad ta' probabbilità u li jressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara **Fenici Insurance Agency Limited noe vs Paul Stoner et** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru, 2002). L-istess intqal fis-sentenza **Blye Engineering Co. Ltd. vs. Philip Borg Bellanti et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Ġunju, 2005:*

"huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut. *Vide Kollez. Vol. XXIX P.III p. 35).*

*Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe,** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu, 1996 ingħad:*

*"*Illi fl-aħħarnett irid jingħad illi skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, il-konvenut li jibqa' kontumaċi, bħall-każ odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba tal-attur, iżda jitqies li jkun irrimetta ruħhu għall-ġudizzju tal-Qorti. Dan ma jfissirx però li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eċċezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawża billi kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell in re Hammet vs Genovese mogħtija fil-31 ta' Jannar, 1991:

"Il-Qorti m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet li mhix awtorizzata espressament mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubblika. Għaliex altrimenti tinħoloq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeċiedi fuq eċċezzjoni tagħha stess ħaġa li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' prinċipju kardinali tas-smigħ xieraq tal-kawża;"

*L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara* ***Kummissarju tal-Artijiet vs John Curmi****) deċiża mill-Prim'Awla fil-31 ta' Jannar, 2003).*

<u>L-Azzjoni tal-Attur</u>

*L-attur ikkontenda fl-avviż tat-talba illi l-konvenut ħadimlu bieb difettuż ta' garaxx ġewwa Sqaq Sta. Klara, Magħtab.*

*Dan it-Tribunal jibda sabiex jaċċenna illi l-artikoli 558 sa 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirregolaw bis-sħiħ kif il-partijiet fil-kawża għandhom iressqu l-provi tagħhom.*

*Dan it-Tribunal jirrileva illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jistax ikun injorat mill-attur, u liema Artikolu jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". *B'dan illi però dan it-Tribunal jagħraf ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 559 tal-imsemmi Kodiċi illi jipprovdi illi "*Il-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib." *Tali Artikolu kien hekk diskuss mill-Qorti diversament presedjuta fejn il-Qorti diversament preseduta irriteniet diversi drabi, fosthom fis-sentenza* ***Anthony Xerri (K.I. nru. 209398M) ('ir-rikorrent') vs. Claudette Spencer (K.I. nru. 307378M) u Domnic Spencer (K.I. nru. 443400L) ('l-intimati')*** *(fn. 1 – 18 ta' Settembru, 2024, Qorti tal-Appell, Ref.: 39/2021) illi "*mad-daqqa t'għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f'kawża

mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova li jista' jġib." *L-istess qal it-Tribunal diversament presjedut fejn fis-sentenza* ***DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO*** *(fn. 2 – 3 ta' Frar, 2020, Tribunal għal Talbiet Żgħar, Ref: 80/2019) ikkonkluda illi "*dak li hu important għal-leġislatur Malti huwa li l-prova (testimonjali u/jew dokumentarja) tkun waħda rilevanti għall-każ trattat u li l-istess tkun l-aħjar waħda li l-parti tista' toffri jew tressaq." *B'dan illi tali Artikolu però ma jistax jinftiehem illi t-Tribunal irid jidderiġi lill-partijiet xi provi jressqu għaliex tali kompitu huwa biss tal-partijiet tal-kawża għaliex inkella t-Tribunal ikun qed iżomm ma' xi parti jew oħra inġustament u b'dan illi dan it-Tribunal jista' biss imbagħad iħares lejn tali provi mingħajr ma jippreġudika d-dritt ta' xi parti jew oħra. B'dan illi f'dan il-każ, dan it-Tribunal jikkonkludi li ma jistax jasal għal konklużjoni fuq bażi ta' probabbilità illi l-konvenut wettaq tali xogħol imsemmi mill-attur u dan għaliex l-attur ma ġab ebda prova illi jekk huwiex verament is-sid tal-garaxx, għaliex tali bieb qed isejjaħlu difettuż, ritratt tal-imsemmi bieb ta' garaxx, jekk verament tali xogħol kien imwettaq mill-konvenut u ċioe xi forma ta' pagament f'forma ta' invoice per eżempju jew kif l-attur wasal għaliha li d-danni sofferti huma ta' Eur3,000 jew prova oħra li tista' twassal lil dan it-Tribunal jivvaluta fuq hix verament din it-talba hekk imsejsa u jekk hux fuq bażi ta' probabbilità tali biex ta' garaxx verament sarx u kienx difettuż.*

*Dan it-Tribunal ukoll jirrileva illi l-fatt illi ġie ppreżentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut u dikjarat mistqarr ma jfissirx illi tali prova hija biżżejjed sabiex tali Tribunal ikun jista' jsib ħtija tal-konvenut. Fil-fatt "*mill-Qorti tal-Appell kolleġġjali fil-kawża in re **James Trapani et v. Vincent Cilia** (28 ta' April, 2000) "Il-kapitoli jitqiesu konfessati però dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqgħod fuq il-preżunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova oħra li sa dak l-istadju setgħet kienet diġà prodotta quddiem il-Qorti. Dan għaliex kif ġja ngħad is-subizzjoni setgħet tintalab f'kull parti tal-proċedura." (*fn. 3 – VODAFONE MALTA LIMTED ILLUM EPIC COMMUNICATIONS LIMITED [REG. NRU. C 10865] VERSUS ASHLEY JOHN GALEA [K.I. NRU. 393006L], 30 ta' Mejju, 2022, Tribunal għal Talbiet Żgħar, Ref. : 308/2021).*

*Fid-dawl ta' tali ġurisprudenza, dan it-Tribunal jikkonkludi li ma jistax jasal għal konklużjoni fuq bażi ta' probabbilità illi l-konvenut huwa obbligat illi jħallas is-somma ta' tlett elef Euro (€3,0000) lill-attur għar-raġunijiet hawn fuq premessi.*

*Dan it-Tribunal jirrileva wkoll illi tali konklużjoni qiegħda wkoll issir ai termini tal-Artikolu 9(1) tal-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, Kap 380 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi filwaqt illi tali artikolu jħaddan il-prinċipju tal-ġustizzja naturali, però huwa*

*ferm importanti illi jżomm f'moħħu* "Illi jsegwi illi filwaqt li l-formaliżmu eċċessiv għandu jiġi evitat f'dawn il-proċeduri ta' natura sommarja, ma jistax ikun dubitat illi l-osservanza tar-regoli tal-proċedura hi meħtieġa biex jiġi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawża u r-regolarità tagħha." *(fn. 4 – Justin Spagnol [ID 562491M] (appellat) vs Janice Briffa bħala leġittimu rappreżentanta tal-minuri Ruud Buhagiar [ID 504772M] (appellanta), 30 ta' Mejju, 2017, Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) Ref: 1277/2010),*

**<u>L-Appell</u>**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-18 ta' Ottubru, 2024, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"... tilqa' dan l-appell u tgħaddi sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar nhar id-9 ta' Ottubru, 2024 fl-ismijiet premessi u tgħaddi sabiex tilqa' l-appell tal-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

7. L-appellant qal li hu ħassu aggravat għal żewġ raġunijiet ewlenin: (i) it-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-prinċipji legali tas-subizzjoni; (ii) it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament tal-fatti mill-provi prodotti.

8. L-appellat qal li hu ma jaqbilx mal-aggravji mressqa mill-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-Ewwel Aggravju: [L-apprezzament tal-prinċipju tas-subizzjoni]*

9. L-appellant qal li t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-prinċipju legali tas-subizzjoni meta saħaq li l-preżunta konfessjoni bis-subizzjoni tal-

appellat ma kinitx prova biżżejjed sabiex it-talbiet tal-appellant jiġu milqugħa. Qal li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal sabiex tiċħad it-talba tiegħu hekk kif il-provi kollha miġbura jwasslu għall-konklużjoni, fuq bażi ta' probabbilità, li l-ammont mitlub hu dovut mill-appellat fl-intier tiegħu u mhux l-oppost, kif għamel it-Tribunal. L-appellant qal li ma hemm ebda prova fil-proċess li tmeri jew li b'xi mod iddgħajjef il-provi mressqa minnu u għalhekk ma jistax jifhem kif it-Tribunal seta' jiċħad it-talbiet tiegħu meta hu evidenti li t-testimonjanza tiegħu ġiet skartata. L-appellant qal li minkejja li hu minnu li kapitolu hu biss mezz ta' prova bħal kull mezz ta' prova oħra li għandha tiġi evalwata flimkien mal-provi mressqa mill-partijiet, f'dan il-każ l-unika prova addizzjonali kienet it-testimonjanza tiegħu, li tikkonferma dak mitlub minnu bil-ġurament u ssaħħaħ dak mistqarr minnu tramite s-subizzjoni. L-appellant qal li l-appellat ma ressaq ebda prova sabiex jikkontradixxi l-istess kapitolu jew testimonjanza tiegħu u għalhekk it-Tribunal ma kellu ebda prova oħra li permezz tagħha seta' jasal sabiex, fuq bażi ta' probabbilità, idgħajjef il-provi mressqa minnu.

10. L-appellant qal li l-interpretazzjoni ġudizzjarja dwar it-tifsira u s-sinifikat tal-kapitoli hi konsistenti u univoka u l-Qrati tagħna dejjem irritjenew li l-kapitoli għandhom jitqiesu bħala ammissjoni jew konfessjoni mis-subent, sakemm il-provi l-oħra prodotti fil-kawża ma jinduċux f'moħħ il-ġudikant iċ-ċertezza morali meħtieġa sabiex jasal għal konklużjoni diversa minn dik li jkun irid jasal għaliha min jagħmel it-talba għas-subizzjoni. L-appellant qal li t-Tribunal kien totalment skorrett fl-interpretazzjoni tiegħu tas-sentenza ċitata minnu stess, u li hu minnu li l-preżunta konfessjoni tramite l-kapitolu kellha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova oħra li tkun prodotta. L-appellant qal li din l-

interpretazzjoni tfisser li jekk jiġu prodotti provi oħra barra l-prova bis-subizzjoni li b'xi mod jikkontradixxu l-istess subizzjoni, il-ġudikant ma jistax ma jqisx il-provi l-oħra mressqa li jikkontradixxu dik il-prova. Qal li għalhekk, ladarba f'dan il-każ ma kienx hemm provi oħra għajr għas-subizzjoni tal-appellat u t-testimonjanza ġuramentata tiegħu, li għal xi raġuni ġiet skartata mit-Tribunal, it-Tribunal kellu jistrieħ fuq il-provi li kellu quddiemu u għalhekk kellu jilqa' t-talba tiegħu stante li hu laħaq il-livell ta' prova meħtieġ. L-appellant qal li f'każijiet simili għal dik odjerna, fejn it-Tribunal ra, li mill-provi miġbura, it-talba tista' titqies li hi fondata u ladarba ma tressqet l-ebda prova oħra li turi li dak li ntqal m'għandux mis-sewwa, laqgħet it-talba.

11. L-appellat laqa' għal dan billi qal li t-Tribunal kien korrett meta qies li l-fatt li ġie ppreżentat kapitolu fil-konfront tal-appellat ma jfissirx li hemm provi biżżejjed sabiex it-Tribunal isib ħtija fl-appellat. L-appellat qal li tali prova għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova oħra prodotta quddiem l-istess Tribunal. L-appellat qal li l-appellant ma ġab l-ebda prova sabiex jikkorrobora l-pretensjoni tiegħu, fosthom l-indirizz fejn seħħet l-allegata ħsara u liema hu l-garaxx, prova li effettivament hu s-sid tal-garaxx, *invoice* li turi li l-appellat ippresta s-servizzi tiegħu u l-prezz tax-xogħol, ritratti tal-bieb allegatament difettuż u kif ġie konkluż li l-bieb hu difettuż u x'għandu difettuż. Qal li kellu jkun l-appellant li jġib prova tad-danni pretiżi minnu, u li f'dan il-każ l-appellant mhux biss ma ġabx prova tad-danni iżda wkoll qal li dawn ma jammontawx għal aktar minn €3,000.

12. Il-Qorti tibda billi tirrileva li f'dan il-każ l-uniċi provi miġjuba mill-appellant quddiem it-Tribunal kienu x-xhieda tiegħu, u l-kapitolu. It-Tribunal, fil-fehma ta' din il-Qorti, korrettement, iddeċieda li kien possibbli ferm għall-appellant li jġib provi oħra sabiex isostni l-pretensjoni tiegħu, inkluż spjega dettaljata tal-allegata ħsara li fih il-bieb, ritratti, prova tal-ħlas li sar lill-appellat u provi oħra. Minn dan kollu l-appellant ma ġab xejn, u ppretenda li t-Tribunal għandu jistrieħ fuq ix-xhieda tiegħu u fuq il-kapitolu biex jakkordalu raġun. Fis-sentenza ċċitata mit-Tribunal ġie ppreċiżat li l-kapitolu konfessat dejjem għandu jiġi kkunsidrat flimkien ma' kull prova oħra prodotta. F'dan il-każ, għajr għax-xhieda tal-appellant innifsu ma nġabet l-ebda prova oħra, u t-Tribunal ġustament iddeċieda li l-kapitolu waħdu ma kienx prova suffiċjenti għaliex ma kienx l-aħjar prova li setgħet tinġieb mill-appellant fiċ-ċirkostanzi. L-appellant lanqas kien kapaċi jikkwantifika d-dannu soffert minnu, u qal biss li kien qiegħed jillimita t-talba tiegħu sal-ammont ta' €3,000, mingħajr ma spjega x'tip ta' dannu kkaġunalu dan il-bieb, jew x'tip ta' ħsara għandu, u jekk hemmx il-ħtieġa li jinbidel kompletament sabiex ikun jista' jintuża. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel aggravju, stante li taqbel mal-analiżi tat-Tribunal li f'dan il-każ l-appellant kellu u seta' ġab provi ferm aħjar minn dawk miġjuba minnu f'dawn il-proċeduri.

*It-Tieni Aggravju:* *[L-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal]*

13. L-appellant qal li f'dan il-każ hu ma ntavolax biss il-kapitoli u straħ fuq is-subizzjoni tal-appellat, għalkemm il-ġurisprudenza tgħallem li dawk diġà jammontaw għal prova sodisfaċenti għall-akkoljiment tat-talbiet, iżda hu

ddepona bil-ġurament u fuq ordni tal-istess Tribunal, kif rifless mit-traskrizzjonijiet tal-15 ta' Jannar, 2024, li "d-domandi ser isiru mit-Tribunal". L-appellant qal li fil-mistoqsijiet li saru mit-Tribunal stess, hu għamel riferiment għat-talba ppreżentata fil-15 ta' Diċembru, 2022, fejn hu spjega li t-talba tiegħu qiegħda ssir minħabba li l-appellat ħadem bieb difettuż ta' garaxx ġewwa Sqaq Santa Klara, il-Magħtab u sussegwentement għadda biex jistaqsi dwar l-ammont tat-talba u jekk din għadhiex dovuta. Qal li mid-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem it-Tribunal kellu jirriżulta li hu inkariga lill-appellat biex jaħdimlu bieb ta' garaxx bil-prezz ta' €3,000 u li dan il-bieb irriżulta li kien difettuż, u li l-appellat ma raddlux lura l-flejjes li tħallsu mill-appellant. Qal li għalhekk ma jistax jifhem kif it-Tribunal m'akkoljiex it-talbiet tiegħu. L-appellant qal li dan l-apprezzament ta' fatt ġie skartat mit-Tribunal bil-konsegwenza li t-Tribunal kien erronju fil-konklużjoni tiegħu, u li wara li t-Tribunal ħass li kellu jkun hu stess li jagħmel numru ta' domandi lill-appellant, sussegwentement it-Tribunal iddeċieda li dak minnu mistoqsi ma kienx sodisfaċenti fuq il-livell tal-probabili. L-appellant qal li l-appellat, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, imkien ma ċaħad li hu ħadem dan il-bieb difettuż, jew li hu għamel xi xogħol lill-appellant, jew qal li hu ma jafx il-bieb tal-garaxx liema hu.

14. L-appellat qal li l-uniċi provi miġjuba mill-appellant f'dawn il-proċeduri kienu l-kapitolu tas-subizzjoni u x-xhieda tiegħu stess tal-15 ta' Jannar, 2024. Qal li s-subizzjoni hi biss wieħed mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tinġieb in sostenn tat-talbiet tal-appellant, u li din il-prova waħedha mhix neċessarjament biżżejjed sabiex tissodisfa l-piż tal-prova li jinkombi fuq l-appellant għas-suċċess tal-pretensjoni tiegħu. L-appellat qal li l-unika prova mressqa f'dawn il-

proċeduri hi x-xhieda tal-appellant, li ukoll ma tagħti l-ebda sostenn lit-talbiet tiegħu. L-appellat qal li filwaqt li hu minnu li t-Tribunal għamel id-domandi tiegħu, b'daqstant ma jfissirx li l-appellant ma kellux jagħti spjegazzjoni dwar l-ammont li qiegħed jitlob bħala danni jew jiddeskrivi kif il-bieb tal-garaxx installat fil-proprjetà in kwistjoni hu difettuż.

15. Il-Qorti qieset it-traskrizzjoni tax-xhieda li ta l-appellant quddiem it-Tribunal, u filwaqt li hu minnu li kien hemm numru ta' domandi li sarulu mit-Tribunal, fl-istess waqt it-Tribunal ma setax minn jeddu jimla l-vojt fid-dettall mogħti mill-appellant jew jipprova l-veraċità ta' dak li ntqal fin-nuqqas ta' provi tanġibbli u oġġettivi li ċertament li l-appellant kellu għad-dispożizzjoni tiegħu. Kull ma kellu jagħmel l-appellant biex jilħaq il-grad ta' prova meħtieġ kien li jippreżenta ritratti jew xi prova dokumentarja jew fotografata oħra in sostenn ta' dak mistqarr minnu. Minflok hu ppretenda li t-Tribunal għandu jistrieħ fuq il-kelma tiegħu mingħajr m'għamel l-iċken sforz biex jikkonvinċi bi provi oġġettivi oħra. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-appell billi filwaqt li qiegħda tiċħdu, tikkonferma d-deċiżjoni appellata, fl-intier tagħha.**

**Spejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**